Kitba tal-Kan. **Jos. Bonello**

# Il-Pittur Bormliż Ġanni Vella

1885-1977

*Il Celebre e Modesto Pittore di Malta*

- **Twieled Bormla, ħu l-Maġistrat Dr. Serafin Vella, Ex-President tal-Banda San Ġorġ**
- **Rebaħ għadd sabiħ ta' premjijiet internazzjonali għall-kwadri tiegħu**
- **Ħa sehem fis-*Sette Giugno* 1919**
- **Għamel diversi karrijiet trionfali u maskri grotteski għall-Karnival Malti**
- **Miet ta' 92 sena, wara ħajja twila mimlija xogħlijiet artistiċi**

## *Alliev tal-Prof. Attilio Palombi*

Ġanni Vella twieled **Bormla fid-9 ta' Mejju, 1885**. Il-ġenituri tiegħu kienu Francesco Vella u Marianna, imwielda Attard. Tgħammed fil-kolleġġjata ta' Bormla mill-Kan. Teodoro Bonnici fil-11 ta' Awissu, 1885. Minn età żgħira Ġanni wera li għandu talent artistiku sewwa, tant li ta' 14-il sena kien diġà beda jagħmel xogħol għad-dekorazzjonijiet tat-triq ta' Bormla għall-festa tal-Kunċizzjoni, meta ċertu Ġużepp minn Bormla irrikkmandah lill-**Prof. Attilio Palombi** li dak iż-żmien kien qed ipitter is-saqaf tal-knisja ta' San Pawl tal-Belt Valletta. Dan ħadem ma' Palombi għal żmien twil f'diversi knejjes ta' Malta, fosthom dik ta' San Pawl fil-Belt u ta' San Publiju fil-Furjana.



*Ġanni Vella (1885-1977)*

Il-Prof. Palombi malajr għaraf li Ġanni Vella kellu talent sabiħ artistiku, u għalhekk irranġalu biex imur Ruma biex jistudja u jipperfezzjona fl-arti fl-*Accademia di Belle Arti*. Vella mar Ruma fis-sena 1907, fejn studja taħt il-Professuri **A. Bsuchi, M. Spinetti** u **S. Borgogelli**. Ix-xogħol ta' Vella kien ġie milqugħ tajjeb sa mill-bidunett, u l-pittur rebaħ

għadd ta' premjijiet internazzjonali għall-kwadri tiegħu. L-Onorevoli **Luigi Luzzati**, Ministru Taljan tal-Kultura ta lil Vella premju speċjali talli pinġa ***Villa Borghese sotto neve***.

**Ġanni Vella fl-10 ta' April, 1913, iżżewweġ lil Maria Cretien**, u kellu tlett itfal, Maria, Aldo u Beppe. Aldo kiteb il-biografija ta' missieru Ġanni u Beppe kompla jistudja l-arti.

## Ix-Xogħlijiet Tiegħu fil-Knejjes Tagħna

Wara s-suċċess kbir li kellu fl-istudji ta' l-Arti ġewwa Ruma, **fl-1912 ġie Malta**, fejn fetaħ ***Studio* fi Triq San Duminku l-Belt Valletta**. Għal 50 sena sħaħ, Ġanni Vella ħadem pitturi mill-isbaħ għal għadd kbir ta' knejjes f'Malta u Għawdex. Imma ta' min jgħid li Vella fl-attività artistika tiegħu iltaqa' (bħal pitturi oħra Maltin) ma' ħafna tfixkil, speċjalment fix-xogħlijiet tal-knejjes: ħafna drabi kienu jintgħażlu artisti barranin, avolja l-ispiża kienet tkun aktar. Saru ħafna protesti, iżda xorta waħda Ġanni Vella kompla jiġi nkarigat b'xogħlijiet ta' kwadri għall-altari u pitturi f'soqfa ta' knejjes kemm f'Malta kif ukoll f'Għawdex.

Il-knejjes li ddekora u pinġa fihom huma ħafna: Santu Wistin fil-Belt, San Franġisk ta' Triq ir-Repubblika, il-Belt ukoll, il-knisja parrokkjali ta' Ħal Tarxien, ta' Ħal Għaxaq, ta' Ħal Safi u fil-Qala u l-Katidral ta' Għawdex. Għandu wkoll kwadri sbieħ ħafna fil-parroċċi tal-**Marsa**, tal-**Gżira**, ta' **Ħal Lija**, tal-**Mellieħa**, taż-**Żurrieq,** tan-**Naxxar** u Sant'Elena ta' **Birkirkara**. Insibu xogħlijiet tiegħu wkoll fil-knisja ta' San Pawl, **Bormla**, għad-Dumnikani tal-**Birgu**, fil-**Bidnija** u f'Għawdex **in-Nadur, ix-Xagħra, Sannat, il-Munxar** u **San Lawrenz**.

Wieħed mill-isbaħ xogħlijiet tiegħu huwa fil-**Katidral ta' Għawdex**. Ix-xogħol tiegħu fil-**knisja ta' Santu Wistin** tal-Belt kiseb it-tifħir ta' l-*Osservatore Romano della Domenica*.



*Pittura tas-Sagra Familja fil-knisja ta' San Pawl, Bormla.*

## Fis-Sette Giugno

Ġanni Vella kien jinteressa ruħu wkoll fil-politika, tant li kien preżenti fil-laqgħa ta' l-Assemblea Nazzjonali tas-*Sette Giugno* **1919** li saret fil-każin tal-*Giovane Malta*, u meta l-feruti ġew imdaħħlin fis-sala, Ġanni pinġa malajr abbozz li baqa' jfakkar din il-ġrajja storika. Dan l-akkwarell storiku ġie stampat fil-**karti ta' l-*għaxar liri*** li l-Gvern ta' Malta u l-Bank Ċentrali ta' Malta ħarġu fl-1976.

Ta' interess ukoll huma l-karikaturi

politiċi ta' Ġanni Vella bix-xbihat tal-Prim Ministri **Joseph Howard** u **Lord Stickland**, kif ukoll ta' politiċi oħra fosthom ta' **Dr. Carmelo Mifsud Bonnici**, magħruf bħala *Il-Gross*, u ta' **Salvu Borg Olivier**.

## *Dilettant Kbir tal-Karnival*

Il-pittur Vella kien iħobb ħafna l-folklor Malti u dilettant kbir tal-Karnival Malti. Beda jħejji maskri grotteski u karrijiet trionfali għall-isfilata ta' kull sena fil-Belt. Numerużi kienu l-kostumi, maskeruni, karrijiet tionfali u maskri grotteski li ħoloq Ġanni Vella biex iferraħ u jkabbar din il-festa tant popolari fostna l-Maltin u l-Għawdxin. Qabel il-gwerra ta' l-1939-1945 fil-Karnival kien ikun hemm karikaturi ta' nies politiċi li ħafna minnhom kienu xogħol ta' Ġanni Vella.

## *Għeluq*

Dan il-pittur baqa' attiv, mimli enerġija sa l-aħħar jiem ta' ħajtu. Kien bniedem dħuli u xejn imkabbar bih innifsu. **Ta' tmenin sena pitter żewġ kwadri tal-Qalb ta' Ġesù u l-Qalb ta' Marija** għall-knisja ta' Birżebbuġa b'wegħda li kienet għamlet martu sabiex bihom Beppe jirritorna qawwi u sħiħ minn California.

**Fis-17 ta' Novembru, 1968 tilef lil martu** li kienet il-kollaboratriċi fidila tiegħu tul ħajjitha kollha. Ta' 92 sena Ġanni Vella bħala apprezzament tax-xogħol artistiku tiegħu ġie mogħti mis-**Soċjetà ta' l-Arti, Manifattura u Kummerċ**, il-**Midalja tad-Deheb** u fuq it-televiżjoni Maltija ġie muri dokumentarju dwar il-ħidma artistika tiegħu. Fl-1983 saret wirja dwar Ġanni Vella fil-Mużew ta' l-Arkeoloġija fil-Belt Valletta.

Dan l-artist famuż miet fit-3 ta' Settembru, 1977 fl-età ta' 92 sena.

**Riferenzi**


1. *Maltese Biographies of the 20th Century*, J. Schiavone u Louis T. Scerri
2. *Times of Malta*, 14 ta' Marzu, 1978
3. Arkivju tal-Parroċċa ta' Bormla, Lib. Bapt. 1885 XIX p.100
4. *Leħen is-Sewwa*, *Ġanni Vella*, Michael Refalo
5. *Leħen is-Sewwa*, 23 ta' Mejju, 1981, V.M. Pellegrini LL.D.



Telephone Box

**Mobile Phones • Electronic Equipment • Hi-Fi • TVs**

*John Ghiller*

*Special discounts on mobiles & Hi-Fi*
*Free pocket & flash light*
*During Christmas Season*